**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.**

Seduta tal-llum 19 ta' Novembru 2015

Appell Nru: 503/2013

Il-Pulizja

Vs

John Magro

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat, John Magro, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 7479M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fit-18 t'Awwissu 2011 u qabel din id-data, naqas li javza lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig bl-impjieg tieghu bhala Self Employed u talli fl-istess waqt kien qieghed jirregistra ghax-xoghol u dana bi ksur tar-regolamenti 3(b) u 10 tal-Avviz Legali numru 110 tas-sena 1993;

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-5 ta' Novembru, 2013, fejn il-Qorti iddikjarat illi l-akkuzi msemmija fl-artikoli tal-

Ligi citati huma preskritti skond il-Ligi, l-akkuzat gie liberat mill-akkuzi kollha adebitati lilhu.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-25 ta' Novembru, 2013, fejn talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tgħaddi biex tiddisponi minn dan il-każ skond il-liġi u fl-aħjar interess tal-ġustizzja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

Illi dan huwa appell tal-Avukat Generali li hassu aggravat mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati indikata *supra* wara li l-appellat allura imputat kien liberat mill-akkuzi migujba kontra tieghu wara dikjarazzjoni ta' preskrizzjoni. L-appell tal-Avukat Generali ghal konsiderazzjoni ta' din il-Qorti ghalhekk huwa dak singolari bazat fuq l-applikazzjoni zbaljata tal-ligi;

Illi l-appellat kien akkuzat quddiem l-Qorti tal-Magistrati bin-nuqqas tieghu li javza lill-Korporazzjoni ta' Xoghol u Tahrig bl-impjieg tieghu bhala *self-employed*. Fis-sentenza taghha l-Ewwel Qorti ddecidiet hekk:

> *Wara li semghet il-provi prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;*
>
> *Wara li rat l-Att XXVIII tal-1990, art 3(b) tal-AL 110/93 u 10 tal-AL 110/93;*
>
> *Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;*

*Ikkunsidrat:*

*Billi l-akkuzi msemmija fl-Artikoli tal-Ligi fuq citat huma preskritti skond il-Ligi, l-akkuzat huwa liberat mill-akkuzi kollha addebitati lilu".*

Tajjeb ukoll illi qabel kull konsiderazzjoni ohra jkun notat illi l-akkuza hija dwar reat allegatament kommess fit-18 ta' Awissu 2011, l-akkuza inharget fit-13 ta' Awissu 2013 igifieri wara sentejn nieqes hamest ijiem u l-kawza instemghet u kienet deciza fl-ewwel appuntament taghha, igifieri fil-5 ta' Novembru 2013.

Issa, l-Avukat Generali *qua* appellant jikkontendi illi dan ir-reat huwa preskrivibbli bit-trapass ta' sitt snin u jasal ghal din il-konkluzzjoni billi jghid illi fl-ewwel lok ghandha ssir referenza ghall-Avviz Legali 110 tal-1993 li dwarha kien akkuzat l-imputat. Fin-nuqqas ta' provvediment in rigward biss ghandha ssir referenza ghall-Att, Kapitolu 343, igifieri l-ligi principali li tahtha kien promulgat l-avviz legali u fin-nuqqas biss imbaghad issir referenza ghall-ligi generali li huwa l-Kodici Kriminali Kapitolu 9, artikolu 688. L-appellat huwa tal-fehma kontrarja billi jsostni illi ghandu jkun applikat l-aktar provvediment favorevoli ghalih, igifieri l-artikolu 688(e) tal-Kapitolu 9 li jiprospetta l-preskrizzjoni ta' sentejn fil-kaz ta' delitti suggetti ghal-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew ghall-piena tal-kontravvenzjoni;

Tajjeb ghalhekk ukoll li jkunu ezaminati l-artikoli relevanti tal-ligijiet in mertu. Skond l-atikolu 3 (b) tal-Avviz Legali 110 tal-1993 kif emendat bl-AL 144 tal-1999, 424 tal-AL 2007 u 426 tal-2013, kull persuna li tibda taghmel xoghol bi qligh li mhux b'kuntratt ta' mpjieg ma' xi principal, ghandha tinnotifika lill-Korporazzjoni ta' Xoghol u Tahrig b'dak ix-xoghol. L-artikolu 10 imbaghad jiddisponi illi persuna li tonqos milli thares *inter alia* r-regolament 3 tkun hatja ta' reat u tehel, meta tinstab hatja, multa ta' mhux anqas minn €116.47 u mhux izjed minn €1164.69 oltre sanzjonijiet ohra diskrezzjonali u hemm indikati. L-Avviz Legali ma jsemmi xejn

dwar iz-zmien li jif jistghu jinbdew proceduri kontra persuni. Dan l-Avviz Legali sar bis-sahha tal-artikolu 26 tal-Att XXVIII tal-1990 dwar is-Servizzi ta' Impjieg u Tahrig, llum Kapitolu 343. Dan l-artikolu jaghti s-setgha lill-Ministru responsabbli ghax-xoghol, li jaghmel regolamenti *"li bihom jistabilixxi r-registrazzjoni u d-dokumentazzjoni ta' persuni li jahdmu bi qligh"*. It-Taqsima VII tal-Att, artikoli 46 sa 53 jipprovdi ghat-twettiq, reati u pieni u b'mod partikolari l-artikoli 51 (1) jirraviza multa ta' mhux anqas minn €46.59 u mhux aktar minn €931.75. L-artikolu 53 imbaghad jipprovdi hekk: *"Minkejja kull ligi ohra, il-procedimenti ghal reat taht dan l-Att jistghu jinbdew f'kull zmien gheluq sitt snin mill-eghmil tar-reat"*. L-Artikolu 54 imbaghad jipprovdi ghas-setgha tal-Ministru li *"jaghmel regolamenti b'mod generali sabiex jaghti sehh lid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u ghat-twettiq taghhom"* u *"is-setgha tal-Ministru li jaghmel regolament taht xi disposizzjoni ta' dan l-Att ghandha tinkludi s-setgha li jistabilixxi l-pieni dwar xi ksur jew kontravvenzjoni taghhom jew xi nuqqas ta' tharis taghhom"*.

Jidher illi l-Ewwel Qorti ghalhekk ghaddiet biex tiddikjara l-azzjoni preskritta bis-sahha ta' ligi ohra li certament mhix dik ravvizata fl-artikolu 53 tal-Kap 343 minkejja li ghamlet referenza ghalih bhala l-Att XXVIII tal-1990. Meta l-art 53 jitkellem dwar procedimenti ghal-reati taht l-Att dan ghandu jiftiehem illi jkun qed jakkludi reati taht kull regolament maghmul taht l-istess Att. U la darba r-regolament, f'dan il-kaz AL110/93 ma provdiex mod iehor, t-terminu ta' preskrizzjoni huwa dak msemmi fl-Att inniffsu, igiefieri dak ta' sitt snin mill-eghmil. Il-Qorti hija konsapevoli tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija –vs- Carmelo Cassar (Vol XLI.iv.1274)** citata b'approvazzjoni fis-sentenza **Il-Pulizija –vs- Albert Bezzina App Krim 25.7.1994** li t-tnejn jitrattaw dwar l-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104. Dan l-artikolu, similment ghall-artikolu 53 tal-Kap 343, jiddisponi hekk: *"Ghad illi f'ligijiet ohra jista' jkun hemm zmien stabilit li fih ghandhom isiru proceduri quddiem Qorti, il-procediment ghar-reat taht dan l-artikolu jista' jsir (a) fiz mein sitt xhur mid-data li fiha ikun sar ir-reat allegat ; jew (b) fi zmien li ma jiskorriz la tliet xhur mid-data li fiha l-=prosekuzzjoni tkun giet taf li sar ir-reat u lanqas sena mid-data li fiha jkun sar ir-reat,*

*skond liema zmien minnhom ikun l-itwal*". L-Qorti tal-Appell kienet kkonkludiet illi – titerminu ta' sitt xhur huwa l-perjodu li fih il-prosekuzzjoni kellha ticcaqlaq sabiex tnizzja l-proceduri kontra imputat. Minn hemm 'l quddiem imbaghad tapplika l-ligi generali senjatament il-Kapitolu 9 kwantu dan jolqot il-preskrizzjoni tar-rejat. Din il-konkluzzjoni, izda, ma tistghax tkun applikata ghal kaz odjern. Dan ghaliex jekk il-prosekuzzjoni tista' tinizzja proceduri kontra persuna sa zmien sitt snin mill-kommissjoni tar-rejat ma tistghax fl-istess waqt tapplika l-ligi generali, igifieri l-artikolu 688(3) tal-Kap 9 li jipprovdi ghall-preskrizzjoni ta' zmien sentejn;

Ghalhekk l-appellant ghandu ragun fl-aggravju tieghu meta jghid illi l-Ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni zbaljata tal-ligi.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tordna li l-atti jkunu rimessi lill-Ewwel Qorti sabiex tisma u tiddeciedi l-kaz skond il-ligi.